A.L. 183 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Public Administration – D.P.A. – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Public Administration and Management

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute of Public Administration and Management bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Public Administration - D.P.A. - taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Public Administration and Management.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Institute of Public Administration and Management;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Public Administration - D.P.A.; u

"il-Kors" tfisisser il-programm ta' l-istudji li jwassal għad-Diploma in Public Administration - D.P.A.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Id-Diploma tista' tingħata f'xi waħda minn dawn l-oqsma ta' studju:

Comparative Public Law
Local Administration.

(2) Il-qasam/l-oqsma ta' studju offruti jkunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Id-dħul fil-Kors jista', bl-approvazzjoni mis-Senat, ikun limitat għal applikanti li huma eliġibbli għad-dħul bħala studenti regolari skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' u li jkunu nominati minn organizzazzjoni li tikkommissjona l-Kors.

(2) Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, il-Bord jista' jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-Kors, skond ir-riżorsi disponibbli. Jekk issir rakkomandazzjoni bħal din u tkun approvata, l-għadd ta' postijiet disponibbli jkun imħabbar meta joħorġu l-applikazzjonijiet.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula wara intervista jew test bil-miktub, jew

kemm b'intervista u b'test bil-miktub, immexxija mill-Bord ta' l-Istudji, li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skond il-kriterji u l-piżijiet li ġejjin:

(a) il-kwalifiki akkademiċi - 50%;

(b) ħakma ta' l-Ingliż u l-Malti, kemm mitkellma kif ukoll bil-miktub - 30%; u

(ċ) l-esperjenza u l-interess fl-amministrazzjoni pubblika - 20%.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jestendi fuq medda ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm tal-Kors

6. Il-programm ta' studju jikkonsisti f' :

(a) għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 48 kredtu; u

(b) taqsima studju li tkopri proġett individwali li għaliha hemm assenjati 12-il kredtu.

It-Taqsima Studju Proġett

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jirriċerkaw kwistjoni fl-amministrazzjoni pubblika approvat mill-Bord ta' l-Istudji, u jiktbu rapport dwar ir-riċerka tagħhom.

(2) Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student.

(3) Ir-rapporti dwar il-proġett għandhom ikunu ppreżentati skond il-linji gwida approvati mill-Bord ta' l-Istudji.

(4) Ir-rapporti dwar il-proġett għandhom jingħataw għall-eżami qabel il-bidu tas-sessjoni ta' l-eżamijiet normali wara l-aħħar semestru tal-Kors, sakemm li l-Bord ta' l-Istudji jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tas-superviżur, jġedded id-data

ta' l-għeluq għal student b'mhux aktar minn xahrejn jekk, wara talba bil-miktub, il-Bord iqis li hemm raġunijiet validi barra mill-kontroll ta' l-istudent li jiġġustifikaw li jiġġedded iż-żmien.

(5) Ir-rapporti dwar il-proġetti li ma jingħataw sad-data stabbilita mill-Bord ta' l-Istudji skond il-paragrafu (4) ta' dan l-ordinament jingħataw il-grad ta' 'F' b'0 marki.

(6) Il-Bord ta' l-Istudji jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jitlob lill-istudenti biex jersqu għal eżami orali dwar il-proġett qabel ma jippubblika l-marka u l-grad finali.

(7) L-istudenti li r-rapport dwar il-proġett tagħhom jingħata l-grad 'F' jistgħu jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba għal valutazzjoni supplimentari, fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

Il-Klassifika tar-Rikonoxximent

8. (1) Għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma, il-valutazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha bil-kredti kollha miksuba jingħataw piż ugwali.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.